MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Numru. 170/2002

**IL-PULIZIJA
SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**CARMEL MICALLEF ta’ 46 sena, iben Anthony u Frances nee’ Galea, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Ottubru, 1965, residenti fil-fond Avonlea, Numru 1, Triq il-Hbit bl-Ajru, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 505465M;
RAYMOND CALLEJA ta’ 45 sena, iben Francis u Victoria nee’ Muscat, imwieled Naxxar nhar it-8 ta’ Frar, 1967, residenti fil-fond 7, Bini tal-Gvern, Triq il-Mithna, Zebbug, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 129872M;
U PHILIP AZZOPARDI ta’ 61 sena, iben Victor u Costanza nee’ Cortis, imwieled Tas-Sliema nhar it-30 ta’ Novembru, 1950, residenti fil-fond Deo Gratias, Triq Birguma, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 988050M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Carmel Micallef**, **Raymond Calleja**, u **Philip Azzopardi** li gew akkuzati talli:

Fi Triq il-Katidral, Tas-Sliema, nhar it-12 ta' April, 2000, ghall-habta tas-1.00pm b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, ikkagunaw hsara jew hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, u cioe' kkagunaw hsara fil-fondi numru 23, 24, u 25, Triq il-Katidral, Tas-Sliema (Sec 328(a), (c), u (d));

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas tar-regolamenti, ikkagunaw il-mewt ta' Rita Vella kif ukoll ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Vella (Sec 225, 226 (b)).

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputati wiegbu kollha li ma kinux hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, li ghalihom l-imputati taw il-kunsens taghhom, u cioe':
L-Artikoli 328, 225, 226(a), 17(b), 20, 23, 30, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi kollha migjuba li senjalament kienu s-segwenti.

Xehed fl-ewwel lok il-Perit Charles Cassar li qal li kien mar biex jinvestiga xi hsara kienet qieghda ssir fil-fond ta' Vella, stante li l-fond adjacenti kien beda jitwaqqa'. Qal illi meta beda t-twaqqiegh, hu kien cempel lill-Perit Azzopardi (wiehed mill-imputati), allura l-Perit ta' l-izvilupp adjacenti li kien qieghed isir u kien avzah illi d-demolition kienet ikkagunat hsara fid-dar ta' Vella. Qallu li kellha tigi

osservata l-Ligi dwar id-distanzi li kellhom jithallew u dwar li kellha tittella' qoxra mal-hajt l-antik. Zied illi anke fl-istess gurnata kien iltaqa' mal-kuntrattur barra, u kien anke lilu qallu l-istess diskors, kif ukoll lis-sid hemm prezenti. Insista li qallhom dwar l-osservanza tad-distanzi ta' zewg piedi u nofs. Qal ukoll illi fit-12 ta' April, cioe' dakinhar ta' l-incident, hu kien kellem lil Rita Vella li talbitu jmur ghandhom urgenti ghax kienu hargulhom hafna konsenturi. Qal illi ftiehem maghhom li jmur ghandhom fis-siegha u kwart, cioe' wara l-ikel. Xehed illi meta wasal sab tragedja kbira.

Xehed ukoll illi dwar il-hsarat fuq il-post hu kien ikkonstata fit-12 ta' April li kienu haffru toqba kbira u li kienu waqqghu ghal kollox il-hajt ta' l-appogg. Iddeskriva mill-esperjenza tieghu, il-blat ta' l-area ta' Tas-Sliema bhala friable, qisu tafal. Qal illi t-toqba li ra kienet sular 'l isfel, qal illi l-hajt ta' l-appogg kien ta' filata wahda, u jekk hekk dan ma kienx ser izomm it-terrapin ta' sular, allura dan kellu jigi ppuntiljat. Qal illi hu fuq il-post kien ra gaffa kbira, zied illi in kwantu kien jikkoncentra hajt singlu, wiehed ma setax jidhol b'tali gaffa johloq 'vibrations' fis-sottosolo, ghax kien qieghed izid ic-cans illi jaqa' l-oggett. Ezebixxa bhala Dok CC, folio 32, ir-rapport minnu redatt ta' l-incident de quo.

Carmel Stafrace minn naha tieghu xehed illi hu kien ikkommissjona l-izvilupp tas-sit gewwa Cathedral Street, lil Raymond Azzopardi bhala perit u lil Raymond Micallef bhala kuntrattur. Gharaf ukoll lill-ko-imputat Calleja bhala 'sub contractor'.

Minn naha tieghu Joseph Vella xehed illi hu kien joqghod fil-fond li safa mgarraf, 25, Cathedral Street. Qal illi fil-gurnata tat-12 ta' April, kienet qajmitu ohtu ghax kienet rat xi konsenturi. Hareg u sab lil Raymond Micallef il-kuntrattur (recte Carmelo). Dahhlu d-dar biex jurih il-konsenturi. Qallu dan Micallef li biex iserrahlu mohhu kien ahjar kieku ommu (il-mejta Rita Vella) johduha go lukanda. Qal illi hu baqa' jhossu uneasy, tant illi ried lil ommu u lil zijuh johorgu 'l barra mid-dar. Xehed illi sakemm ommu, li minhabba l-eta' kienet aktar slow,

damet mal-mejda, ra hajt niezel 6 strip, sploda kollox ‘il barra, u waqa’ kollox fuqhom (folio 40). Qal illi fuq ommu waqghu zewg sulari. Xehed illi hu bhala griehi sofra qsim go rasu (ghaxar sutturi) fost l-ohrajn. Ra lil ommu mirduma. Iddeskriva li waqt l-iskavar kien jara gaffa kbira b’musmar kbir imwahhal maghha li kienet tghaddi minn mal-hajt u jigbed b’dan.

Paul Vella xehed dwar l-incident. Qal illi hu bhal hutu kien jinzel regolari ghand ommu ghax kienet mara ta’ 84 sena. Ftakar illi dakinhar tat-tnax ta’ April, kienu ltaqghu mal-Perit taghhom minhabba l-konsenturi li hargu fil-post ta’ ommu. Xehed illi l-Perit taghhom kien esiga meta tkellmu mal-kuntrattur Raymond Micallef li kellha tithalla d-distanza ta’ zewg piedi u nofs mat-thaffir (mal-hajt ta’ l-appogg).

Carmen Pecorella xehdet illi darba dakinhar ta’ l-incident fid-dar ta’ ommha rat hafna konsenturi mal-hajt, anke l-hajt maqtugh minn ma’ l-art. Sabet lil certu Raymond Calleja, is-sewwieq tal-gaffa, waqqfitu u dahhlitu gewwa. Dan minn naha tieghu ssuggerielha li ccempel lill-Perit taghhom. Hekk ghamlet. Darba li telghet fuq indunat ukoll illi anke t-tarag kien maqtugh minn mal-hajt. Ikkonfermat ukoll dak li qal huha li Micallef il-kuntrattur kien offrielhom jew issuggerilhom li johorgu mid-dar lil ommha u lil zijuha li wkoll kien jghix hemm.

Dr Jonathan Joslin xehed illi hu kien ezamina lil Rita Vella mara ta’ 84 sena, u sab meta harguha minn got-tifrik li ghalkemm kienet ghadha hajja kellha polz faint hafna u hafna griehi l-aktar fuq rasha. Iddeskriva fratturi fil-forearm tal-left, suspett ta’ frattura tal-kustilji. Xehed illi damu bir-resuscitation ghal kwazi saghtejn, saghtejn u nofs, anke li arrestat darbtejn. Spiccat biex mietet fil-4.45pm. Xehed ukoll dwar il-griehi sofferti minn Joseph Vella, iddeskriva dawn bhala ‘grevious per durata’. (Dok JJ folio 66). Minn naha taghha l-patologista Dr Brigitte Ellul xehdet illi l-cause of death ta’ Rita Vella kienet “fractures of the cervical vertebrae and ribs due to trauma.” (folio 67).

Anthony Mifsud, hu l-mejta Vella, xehed illi dakinhar ta’ l-incident hu kien flimkien ma’ ohtu mal-mejda ta’ l-ikel ghall-ikla ta’ nofsinhar. Qal illi neputih flimkien mal-kuntrattur, minhabba l-konsenturi, bdew iduru d-dar. Qal illi hu u ohtu kienu faccata ta’ xulxin qeghdin jieklu, hawn hu nnota trab irqiq niezel minn mas-saqaf u beda jisma’ ‘cracking’ bil-mod (folio 87). Dak il-hin baghtuhom jigru ‘l barra. Lilu mbuttawh ‘il barra. Ra waqt illi huma kienu hergin il-hajt tan-naha tax-xellug jaqa’. Qal illi l-hajt mar ‘il barra.

Xehed minn jeddu Philip Azzopardi, il-perit imputat. Qal illi hu kien gie mqabbad mill-klijent tieghu Lino Stafrace biex japplikalu biex jizviluppa l-fond 24, Cathedral Street, Sliema. Qal illi lilu hadd ma nfurmah illi kienu bdew ix-xogholijiet fuq il-post de quo. Qal illi hu kien talabhom li jigi nfurmat meta Stafrace kien sab kuntrattur biex jahdimlu. Innega li lilu xi hadd kien infurmah li fil-fatt ix-xogholijiet kienu bdew. Xehed illi xi gimaghtejn qabel il-kaz kienet cemplitlu wahda mill-ahwa u talbitu jmur izur il-fond minhabba l-hsarat li kienu qed jikkagunaw. Hawn ra li kien diga’ beda t-twaqqiegh tal-fond, u li kienu qed ihottu b’idejhom, jitfghu kollox ghal isfel, u li kienu hargu xi konsenturi fl-intrata fid-dar ta’ Vella. Xehed illi anke hu kien widdeb lill-kuntrattur biex izomm id-distanza ta’ zewg piedi u nofs mit-thammil minn mal-hajt divizorju. Ikkonferma li anke kellmu l-perit taghhom, cioe’ tal-familja Vella.

Qal illi dan il-Perit kien qallu li hemm kien hemm tumbazz, allura l-materjal kien aktar flaky. Ikkonferma li dan qal wkoll lill-kuntrattur Micallef, cioe’ l-ko-imputat. Xehed illi hu kien jghaddi minn hemm, pero kien isib il-bieb maghluq u li qatt ma qalulu “Isma’ llum ser nahdmu.” biex b’hekk hu kien imur jaghmel spezzjoni ta’ dak li kien qieghed isir. Qal illi kien darba biss li sab lill-lavranti jistennew fuq il-post lill-kuntrattur (folio 115).

Qal illi lejlet il-kaz meta mar fuq il-post ta’ l-incident kien kellem lill-kuntrattur dwar it-thammil. Xehed illi l-istess kuntrattur kien qieghed isib diffikulta’ ghax hekk kien qallu, biex izomm id-distanza taz-zewg piedi u nofs.  Qal illi

ftiehem mieghu li jmur it-Tlieta biex jara kif kellhom isiru l-pedamenti. Meta wasal dakinhar sab pero li kien hemm diga' l-fond imhammel xi seba' filati 'l isfel mat-triq. Qal illi kien inhasad. Xehed illi dan kien imqatta' sal-hajt divizorju u z-zewg piedi u nofs ma thallewx, li allura kien imhammel flash mal-hajt. Qal illi hu qatt ma kien tah struzzjonijiet biex ihammel, kien qallu biss biex inehhi ftit materjal minn mal-hajt biex jara s-sitwazzjoni, umbaghad jaghtih struzzjonijiet wara. Qal illi kien ghalhekk li darba li sar dan it-thammil li kien issugerixxa li kellu mal-hajt divizorju jinghata l-konkos malajr. Qal illi pprova jaqbad lill-Inginier Kevin Abela ghall-hadid, pero bla success. Halla struzzjonijiet li l-konkos kellu jinghata fl-istess gurnata.

Xehed illi fil-ghodu regghu cemplulu ta' Vella dwar il-konsenturi, din kienet il-gurnata ta' l-incident. Ftiehem li jinzel fuq is-sit fis-siegha u kwart. Qal illi ghall-habta tas-siegha cempel is-sid li kien avzah illi kien waqa' l-hajt.

Ikkonferma in kontro ezami li hu kien ikkonstata certu periklu (skondtu mhux kbir) (folio 123). Qal illi hu kien ghamel premura lill-kuntrattur meta ra t-thammil li kien sar, liema thammil hu kien oggezzjona ghalih, biex jinforza l-hajt. Ghalkemm ghamillu premura ammetta li hu ma kienx rega' mar fuq il-post. Qal illi assuma li x-xoghol ta' sudar kien sar (folio 124).

Il-Perit Philip Azzopardi rega' ha l-pedana minn jeddu ghat-tieni darba. Hawn spjega li meta l-klijent tieghu Stafrace kien xtara d-dar li wara waqqa', kienu marru fuq il-post u hemm kienu raw li l-hajt ta' wara diga' kellu problema minhabba li l-car park ta' Tas-Sliema ghaliex allura kienu diga' twaqqghu xi hitan.

Ezebixxa ghalhekk set ritratti li ha s-sid tal-fond li waqa' minn naha ta' wara. Qal illi mir-ritratti minn naha ta' wara seta' jistabilixxi li kien hemm il-blat, pero mhux sa liema livell. Il-binja ghalih kienet fuq blat solidu mhux fuq turbazz. Qal illi b'hekk kien dehrlu li kien hemm xi forma ta' blat fuq il-post (folio 143). Xehed ukoll illi hu meta zar il-fond li ried jaqa', sab anke bir, maqtugh fil-blat, li allura kien indikattiv li kien hemm certu suddezza.

Xehed ukoll li darba li hargu l-konsenturi, anzi l-ewwel konsentura, huwa seta’ jikkonstata li t-travi li kien fiha din id-dar (li waqghet) ma kinux qed iserrhu fuq il-hajt ta’ l-appogg, allura fuq dan il-hajt ta’ l-appogg ma kienx hemm piz.

Baqa’ nsistenti li hu ftit mar il-post ghax ma kienx jaf li kienu qed isiru x-xogholijiet. Xehed rega’ li hu mar meta l-inkwilin Vella kien baghat ghalih fuq il-konsenturi. Qal illi din il-konsentura kienet ikkagunata mill-unika travu li kien qieghed iserrah fuq il-hajt.

Ikkonferma li kulhadd kien jaf li kellhom izommu d-distanza ta’ zewg piedi u nofs fuq it-thammil. Qal illi wara sab li l-excavation diga’ kienet saret ghal aktar milli kien ried hu ghax kienu nizlu seba’ filati ‘l isfel mit-triq. Dan pero mhux fuq ordni tieghu. Din l-eskavazzjoni skondtu saret flash mal-hajt. Qal illi hu kellu f’mohhu jaghmel localized excavation biex b’hekk ikun jaf il-materjal x’kien.

Issuggerixxa lill-kuntrattur li jifta’ l-konkos mal-hajt ta’ l-appogg. Dan ghalih kien allura bizzejjed stante li fuq wara kien ra l-blat u kien sab anke l-bir. Xehed illi ma kienx jaf pero kemm kien fil-verita’ fond il-blat.

Qal illi anke ppruvaw jikkuntattjaw lill-Inginier li kien diga’ lesta l-foundations tal-hadid biex ikun jista’ jaghti l-konkos mill-ewwel. Qal illi mal-kuntrattur ftiehem pero li jaqbad jew ma jaqbadix lill-Inginier, kellu fil-ghaxija jaghti l-konkos. Spjega li t-turbazz darba mikxuf jista’ jinxef bix-xemx u allura jinqasam, jew jixxarrab bix-xita, allura jirtab, ghalhekk hu ried li jipprotegieh bil-konkos. Qal dan il-kuntrattur (Micallef) kien jafu ghax gieli kien hadem xoghol iehor mieghu, u li dejjem zamm ma’ l-ordnijiet tieghu. Qal bejn il-lejl tal-hdax u t-tnax ta’ April, ghamlu diversi halbiet tax-xita li baqghu sejrin sas-6.45am. (Vide Dok PA1 folio 171).

Skondtu l-incident kien gara ghaliex minhabba li kien hemm il-pedamenti mikxufin, dahal l-ilma fil-pedament, irtab it-turbazz u ceda l-hajt (folio 154). Baqa’ nsistenti li

hu qatt ma kien avzat illi kien beda x-xoghol. Xehed illi skond il-permess tal-MEPA l-iskavar kellu jkun ta' tliet filati 'l isfel, meta fil-fatt nizlu 7 filati 'l isfel mit-triq.

Qal illi hu qatt ma kien ta ordnijiet li jsir l-iskavar li sar, ta ordni li jsir il-konkos u din l-ordni ma gietx obduta, ghalhekk ghalih hu ma kienx responsabbli ta' dak illi kien gara (folio 160). Qal illi hu lill-kuntrattur Raymond Calleja tah struzzjonijiet fuq it-telephone. Qal illi lilu cempillu l-kuntrattur u staqsieh jekk kienx hemm konsenturi, wiegbu iva; u li jekk kienx hemm xi periklu kellu johrog lil kulhadd 'il barra mid-dar.

Il-ko-imputat Raymond Calleja minn naha tieghu xehed illi hu gie avvicinat minn Raymond Micallef (ghalina Carmelo) biex inaddaf il-post minn wicc it-triq. Qal illi hu kien qieghed jaghmel xoghol ta' sub-contractor, ma kienx pero jahdem ma' Micallef. Qal illi kien Micallef li tah struzzjonijiet li kellu jinzel sitta jew seba' filati. Qal illi kien Micallef li beda jgieghlu jnehhi materjal minn mal-hajt. Ghalhekk ma bediex izomm id-distanza ta' zewg piedi u nofs. Qal anzi li Micallef anke kien qallu li jekk ma kienx ser ihammel minn mal-hajt, ma kienx ser ihallsu. Xehed illi hu lill-Perit Azzopardi kien rah fuq il-post darba, darbtejn. Rah meta diga' kienu nizlu seba' filati 'l isfel mit-thammil. Ikkonferma li l-Perit lil Micallef qallu biex jaghti l-konkos mal-hajt. Semghu jghidlu wkoll illi kellhom ihallu zewg piedi u nofs minn mal-hajt. Zied anzi li hu ried lil Micallef jaghmel dak li qallu l-Perit stante li z-zewg piedi u nofs fil-fatt ma kellhomx jitnehhew.

Qal illi qabel ma waqa' l-post hu dahal ghand Vella ma' bintha Pecorella, u hemm ra l-art miftuha. Cempel lil Micallef mill-ewwel. Qal illi meta mar lura fil-post issa 23, l-iehor li kien qieghed jitwaqqa', sab toqba go fih. Wara ftit, tliet kwarti jew siegha, xehed illi waqa' ta' Pecorella. Xehed illi nizel f'daqqa.

Qal illi meta waqa' l-post anke huma flimkien ma' Micallef kienu go fih.

In kontro ezami wiegeb illi minkejja li hu kien jaf li kien obbligat bil-Ligi jzomm id-distanza ta’ zewg piedi u nofs, anke ghall-inkolumita’ kemm tal-girien kif ukoll tieghu, hu xorta obda lill-kuntrattur u nehhihom.

Ammetta in kontro ezami allura li l-Ligi ma gietx obduta. Ammetta li hu l-pjanta tal-Perit qatt ma raha, allura ma kienx jaf kemm kien ghandu jinzel ix-xoghol. Lanqas staqsa biex jara din il-pjanta. Qal illi kien Micallef li qallu biex jinzel dawk is-seba’ filati. Ammetta pero li kien jaf bid-distanza taz-zewg piedi u nofs. Qal illi hu hammel hekk ghax issikkah Micallef, beda jghidlu li ma kienx ser ihallsu.

Xehed ukoll minn jeddu Carmel Micallef il-ko-imputat l-iehor. Dan qal illi xogholu kien ta’ bennej kuntrattur. Qal illi t-twaqqiegh tal-fond 24 kellu jsir bl-idejn. Qal illi meta qalghu travu minn naha tal-fond 24 kienu hallew toqba ta’ tminn pulzieri ghand Vella minhabba li dan it-travu kien iggastat fuq in-naha taghhom. Qal illi qabel it-twaqqiegh hu, Stafrace, u l-Perit kienu dahlu fil-fond jiddiskutu kif kienet ser taqa’ d-dar. Spjega li darba li waqqa’ l-binja ftiehem ma’ Raymond Calleja biex ihammillu. Qal ukoll illi bejn il-proprjeta’ 24 u dik ta’ Vella kien hemm dizlivell ta’ tliet/hames filati. Qal ukoll illi kien Stafrace s-sid li kien cempel lill-Perit li kienu ser jibdew bl-iskavar. Qal illi kienu bdew ihammlu biss fin-nofs bil-gaffa, ma kinux qed imissu l-appoggi. Xehed illi kemm hu kif ukoll is-sid Stafrace u l-Perit Azzopardi kienu anke ltaqghu fuq is-sit u minhabba l-materjal li bdew isibu mat-thammil, iddecidew li ssir platform tal-konkos. Ghalhekk kemm hu kif ukoll l-Perit ippruvaw jikkuntattjaw lill-Inginier Kevin Abela biex jahdmilhom il-piz li kien hemm bzonn. Spjega li ghalkemm fuq in-naha ta’ wara kienu sabu l-blat, in-naha ta’ isfel kienu ghadhom wara tliet filati thammil isibu materjal artab. Xehed ukoll illi l-Perit kien fil-fatt qallu li kien nizel izzejjed. Wiegbu x-xhud li meta kien jitfa’ t-trab u jaghtu l-konkos, kienu jigu ezatt (folio 239). Qal illi kien qallu li nizel izzejjed minhabba l-gholi tal-platform. Dan ix-xhud qal pero li ma kienx il-kaz li kienu nizlu zzejjed, imma kienet il-gaffa diehla u hierga li kienet tiekol mill-gholi. Ammetta li ghand Vella sa l-Erbgha fil-ghodu kien hemm il-konsentura. Kien ghalhekk qal illi Calleja biex jieqaf mix-

xoghol. Kien hawn li hu offrielhom li jmorru go l-Imperial Hotel sakemm jitlesta x-xoghol, tant illi anke cempel il-lukanda biex jibbukkjalhom. Ikkonferma wkoll illi issa regghu hargu konsenturi ohra, pero meta dahal biex jarahom ircieva telefonata u sadanittant kien sar il-hin ta' l-ikel, u hu qaghad barra d-dar. Kienu anke cemplu lill-Perit u allura kellhom jiltaqghu fuq il-post fis-1.15pm. Qal illi sadanittant huwa baqa' diehel u hiereg ghand il-Vellajiet. Qal illi hin minnhom sema' l-gir ifaqqa' u qabad lil hu Rita Vella u refghu. Qal illi rega' dahal gewwa u mbotta lil Joe 'l barra. Beda jghid lil Rita Vella biex tohrog 'il barra, minflok din ghaddiet 'il gewwa. Qal illi refaghha u anke ghamlilh l-ilma ma' wiccha, u ghen biex ittellghuha fl-ambulanza.

In kontro ezami kkonferma li l-Perit ta' Lino Stafrace t-Tnejn u t-Tlieta kien fuq il-post. Qal illi hu kien haffer skond il-pjanta li kellu, hames filati minn naha ta' isfel. Ammetta li hu ma zammx mad-distanza taz-zewg piedi ghax qal illi hemm kien hemm biss materjal. Qal illi nehhew biss affarijiet mejta, trab, u gebel (folio 257). Xehed illi hemm ma kellux ikun hemm daqshekk turbazz stante li wara kien hemm il-blat. Ammetta wkoll illi l-parti ta' fejn waqa' kien biss terrapin (folio 257). Qal ukoll illi kienet il-gurnata ta' l-Erbgha, dakinhar ta' l-incident li ta kaz il-vibrazzjonijiet ikkagunati mill-generator tal-car park, stante li x-xoghol kien wieqaf u kien hemm il-kwiet. Innega pero li dan il-generator seta' kien qieghed jippreokkupa lil Vella minhabba l-konsenturi.

In kontro ezami Carmel Micallef giet moqrija lilu x-xhieda li kien ta fl-Inkjesta, hawn ammetta li kien jaf mill-Perit Azozpardi li kellu jzomm id-distanza ta' zewg piedi u nofs. Irrizulta wkoll mix-xhieda minnu moghtija a tempo vergine, li qatt ma kien semma xi caqlieq kagun ta' xi generator. Ammetta wkoll illi l-Perit kien tah struzzjonijiet biex jaghmel il-konkos, pero dan ma ghamlux ghax ma kellux reinforcement. Dwar id-distanza baqa' jinsisti li hu ma zammhiex ghax ma kienx qata' blat, pero li t-terrapin beda jaqa' wahdu. Baqa' nsistenti li hu kien nizel daqshekk 'l isfel ghax kien ghadu ma sabx il-blat. Mistoqsi pero jekk it-terrapin li kien maghmul fi kliemu minn trab abjad, gebel u

turbazz, dan kienx izomm il-hajt, wiegeb illi kien iebes bizzejjed biex izommu (folio 282).

Xehed in difesa tal-Perit Azzopardi, il-Perit Robert Musumeci bhala chairman tal-Bord tal-Building Industry Consultancy Council. Xehed dwar il-parir li kienu taw bhala kunsill fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-periti. Xehed ghalhekk dwar artikolu minnu miktub fil-gazzetta Sunday Times. Qal illi kienet ir-responsabbilta’ tal-kuntrattur li jara li kull operazzjoni li tinvolvi kostruzzjoni, structural alterations, demolizzjonijiet, iridu jkunu taht supervizjoni stretta ta’ bennej. Minn naha l-ohra xehed illi perit kellu jaghti supervizjoni, pero mhux kontinwa. Qal illi kien il-kuntrattur li kellu jsegwi l-pjanti u jikkonsulta l-perit biss ghal kjarifika.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi t-tliet ko-imputati ghazlu biex jixhdu, pero ghalkemm mix-xhieda jirrizulta li sar hafna blame shifting, dan minn aspett legali ma jiswa ghal xejn in vista’ tal-valur probatorju tax-xhieda ta’ ko-imputati. Allura din il-Qorti ser tistrieh fuq dak li ammettew l-istess ko-imputati fix-xhieda taghhom, u dak li xehdu x-xhieda estranji.

Kif gia’ ntqal ex admissis, kemm Calleja kif ukoll Micallef ammettew illi huma ma zammewx mid-distanza mitluba ta’ zewg piedi u nofs minn ma’ l-appogg - wiehed, cioe’ s-sub contractor ghax xehed li gie sfurzat mill-kuntrattur bit-theddid tal-hlas; mentri l-kuntrattur xehed illi hu baqa’ jhammel it-turbazz ghax kien turbazz u baqa’ nsistenti li hu hemm ma messx blat. It-tnejn qablu pero li l-Perit ried li tinzamm din id-distanza.

Din id-distanza giet anke ppuntwalizzata lill-kuntrattur mill-Perit Charles Cassar meta dan ghamel l-ewwel access fis-sit ta’ Vella minhabba toqba kkagunata minhabba t-travu.

Rat ukoll il-konkluzjonijiet tal-Perit Arkitett R Aquilina mahtur fl-Inkjesta fejn qal hekk:

*"Dan l-nicident kien rizultat tat-thammil tat-turbazz li kien sar fuq is-sit numru 24. Dan it-turbazz kien artab hafna. Kienu saru medja ta' tliet filati pedamenti u l-bini ttella' fuqu. Sakemm sar dan it-thammil, it-turbazz kien qieghed jinghafas 'l isfel u mrazzan b'materjal iehor fil-genb, izda din is-sitwazzjoni ndibdlet meta l-eskavazzjoni saret fis-sit numru 24, fejn tnehha materjal ta' circa erba' filati fond.*
*Meta sar dan, ma kienx hemm materjal biex jilqa' l-forzi laterali u t-turbazz intefa' 'l barra, b'rizultat li l-hajt ta' fuqu kkollassa."* (folio 112)

Huwa fatt mhux ikkontestat ghala waqghet id-dar numru 24, lanqas ma jista' jigi kkontestat il-kagun tal-mewt ta' Rita Vella u l-griehi gravi kkagunati lil Joseph Vella kienu kagun ta' dan il-kollass.

L-Artikoli addebitati huma dawk ta' hsara nvolontarja u omicidju nvolontarju – hawn ghalhekk si tratta ta' colpa. Jinhtieg ghalhekk biex jigu kostitwiti dawn ir-reati li jirrizulta dak l-element ta' traskuragni jew nuqqas ta' hila u arti fil-professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti – u li dawn individwalment jew mehuda flimkien, jikkagunaw il-hsara nvolontarja u l-mewt.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 26.03.1998 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech", il-Qorti qalet:
"Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-essenza tal-colpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghal tharis ta' terzi, tammonta ghal negligenza jew imprudenza, ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawn il-prekawzjonijiet izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk il-prekwazjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'."

Oltre hekk kif anke ntqal mill-Imhallef Harding fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Salvatore Camilleri" datata 17.05.1948, fejn gie sew spjegat in-ness necessarju bejn

l-att rizultat ta’ negligenza u imperizji u r-rizultat ta’ l-istess.
“Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsilbity to exist. The principle that for culpa to exist there must be the cause nexus between act and event, applies not only with regards to negligence, imprudence, carelessness and unskilfulness in an act or profession, but it is equally requisite in case of non-observance of regulations.

Certament irrizulta ben pruvat illi hawn si tratta ta’ negligenza grossolana u dan ghall-mod ta’ kif iz-zewg piedi u nofs distanza li kellha tinzamm minn mal-hajt mat-thammil, ex admissis ta’ Calleja u Micallef ma nzammitx. Aktar u aktar din id-distanza meta t-thammil kien qieghed isir ta’ materjal daqshekk fragli bhal turbazz.

Illi ftit ghandha aktar xi tghid din il-Qorti, hlief li ssib lil Carmel Micallef u Raymond Calleja hatja tar-reati lilhom addebitati, anke bi qbil mal-konkluzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina, wara li rat l-Artikoli 328, 225, 226, 17, 20, 23, 30, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieghda ghaldaqstant tikkundannahom, considerando li f’dan l-incident sforz it-traskuragni taghhom mietet Rita Vella, ghal multa kull wiehed ta’ €4,000.

Tikkundannahom ghall-ispejjez peritali kull wiehed ghas-somma ta’ €283.21 wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tal-Perit Philip Azzopardi, jirrizulta kemm mill-atti ta’ l-Inkjesta kif ukoll mix-xhieda li nghatat quddiem din il-Qorti, illi huwa fatt li nsista fuqu l-istess Perit, illi huwa ma kienx gie nfurmat li kien fil-fatt beda x-xoghol tat-thammil fuq il-fond. Jidher li sar jaf b’dan meta tfaccaw il-konsenturi fil-fond numru 25.

Pero mid-dokument CC ezebit mill-Perit Charles Cassar, jidher illi xi tliet gimghat qabel it-tragedja gia’ kien hemm ilmenti fuq id-distanza taz-zewg piedi u sitt pulzieri li trid il-

Ligi fil-kaz ta' tqattiegh. Jidher illi l-Perit ghamel premura ma' Calleja u Micallef biex din tinzamm.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li azzjonietu kienu volontarjament negligenti, imprudenti, u traskurat fil-professjoni tieghu, ghalkemm xorta tibqa' tal-hsieb li issa avzat bil-periklu, messu nizel fuq is-sit aktar malajr – detto tutto cio', qieghda pero tilliberah mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------